# IS-SEHEM TAL-MUŻIKA FIL-FESTA TITULARI TA' SAN PIETRU U SAN PAWL FIN-NADUR

*Grazio A. Grech*

Is-Sehem tal-Mużika fil-festa titulari ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur sa mis-snin tal-ewwel nofs tas-seklu dsatax kien diġà kellha l-importanza tagħha. Jekk wieħed jifli l-kotba tal-eżitu ta' din il-festa titulari, isib li bejn l-1836 u l-1854, f'din il-festa kienet tieħu sehem il-Mużika matul il-jiem tal-festa.

Ma nsibux nota ta' min kienet din il-Mużika, imma nafu li kull sena kien isir ħlas ta' 18-il skut għas-sehem tal-Mużika kemm għall-quddiesa ta' nhar il-festa u kemm għas-sekondi vespri. Dawn ir-reġistri jgħarrfuna wkoll li kienu jiġu mistiedna xi kantanti barranin - ***cantori esteri*** - kemm għall-Matutin u kemm għall-Quddiesa tal-Festa u għall-Vespri.

Nafu għalhekk, li fis-sena 1845, barra it-18-il skut għall-Mużika, tħallsu skut u għaxar tarì lil żewġ kantanti barranin u daqqaq tal-kuntrabaxx li ħadu sehem fil-Matutin, *'...per 2 Cantori esteri e suono del Contrabaxx nel Matuttino'*. Fil-Matutin tal-1847, reġgħu ħadu sehem żewġ kantanti barranin u wieħed bil-kontrabaxx. Bejniethom, dawn tħallsu żewġ skuti u sitt tarì. Fil-matutin tas-sena 1850, dak li daqq il-kontrabaxx ħa sitt tarì, u l-kantant barrani li ħa sehem tħallas skut *'...dati ad Un Cantante e Contrabasso.'*

Ma' dawn il-kantanti u mużiċisti li ħadu sehem fil-Matutin, niltaqgħu magħhom fis-snin sittin u sebgħin ukoll. Hekk fis-sena 1874, nafu li tħallsu żewġ skuti u sitt tarì lil dawk li ħadu sehem fil-Matutin, *'quei che hanno sonato a cantore nel matuttino'*, waqt li tħallas ukoll skut u tliet tarì lil mużiċist li daqq l-offle fil-Matutin, *'al suonatore di Offle nel Matuttino'*. Żewġ skuti u sitt tarì kienu tħallsu fis-sena 1877 lil Ġużepp Gauci u Anton Tabone talli kantaw fl-ewwel Vespri u fil-Matutin, *'a Giuseppe Gauci e Antonio Tabone per aver cantato nei primi vesperi e Matuttino'*. L-istess ħlas kien sar lil Ġużepp Gauci u lil Alfonzu Hili talli ħadu sehem fil-primi vespri u l-Matutin tas-sena 1878.

Fit-tieni nofs tas-seklu dsatax niltaqgħu ma' diversi Maestri di Cappella Għawdxin, li bil-mużika tagħhom kienu jipparteċipaw f'diversi festi. Fost dawn insibu lill-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca. Mir-reġistru tal-eżitu tal-festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur nafu, li bejn l-1863 u l-1871, tas-sehem tal-Mużika tal-festa, tħallas il-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca.

Fl-1863 tħallas is-somma ta' 60 skut, *'...al Sig. Canonico Mercieca per musica ...sc 60'*, u fis-sena ta' wara, 1864, tħallas is-somma ta' 75 skut, *'...al Sig. Can Dun Giorgio Mercieca per Musica di 3 servizzi, e falsoborodone'*.

Fis-sena 1871, il-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca tħallas 66 skut, *'...dati al Sig. Can. G. Mercieca... sc 66'* u fis-sena 1873, il-Kanonku Mercieca tħallas is-somma ta' 70 skut, *'...per musica Sig. Canon. Mercieca... sc 70'*. Ma' isem il-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca nerġgħu niltaqgħu mis-sena 1875 sal-1878 u fis-snin 1884 u 1885. Fis-snin sebgħin, dejjem tħallas 70 skut kull sena, iżda f'dik tal-1884, tħallas 89 skut u f'dik tal-1885 tħallas is-somma ta' 91 skut u 2 tarì *'...per musica al Can. D. G. Mercieca... sc 91 tarì 3'*.

Il-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca kien jieħu sehem ukoll bil-Mużika fil-festa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija, fil-festa ta' Santu Wistin, f'dik tal-Madonna tal-Buon Kunsill, dik ta' Santa Monika u f'dik taċ-Ċintura, li lkoll kienu jsiru fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani fil-Belt Victoria. Il-Kanonku Dun Ġorġ Mercieca kien ukoll Maestro di Cappella tal-Katidral ta' Għawdex u awtur ta' għadd ta' kompożizzjonijiet sagri, u ġieli mexxa l-Mużika fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. Huwa twieled fl-1826 u miet fis-sena 1892.

Fil-festa ta' San Pietru u San Pawl tas-sena 1872 insibu li tħallas 70 skut tas-sehem tal-Mużika Mro. Adriano Lanzon, *'...al Adriano Lanzon per musica a falsoboradin...sc 70'*.

Nafu li fl-1841, Mro. Adrano Lanzon kien diġà jdoqq il-vjolin fil-Mużika tal-Kappella tal-Katidral, u minn Ottubru tas-sena 1844, inħatar uffiċjalment *Direttore della Cappella* tal-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex. Fis-sena 1863, Mro. Lanzon kien waqqaf għaqda mużikali li wara kienet ingħaqdet ma' dik li kien waqqaf is-Sur Ġorġ Tabone (*Il-Binu*) fl-istess sena, li wara tgħammdet bl-isem ta' ***Banda del Leone***. Mro. Lanzon kien ***Maestro di Cappella*** fil-parroċċi ta' Għajnsielem, Sannat, Gharb, u anki fil-knisja tal-Patrijiet Agostinjani fil-Belt Victoria.

Huwa ikkompona wkoll diversi bċejjeċ mużikali. Kien iggradwa bħala Prokuratur Legali mill-Università ta' Malta u baqa' sa kważi meta miet jipprattika din il-professjoni. Twieled fl-1820 u miet fl-1894.

Fil-festa titulari tan-Nadur tas-sena 1879, is-surmast Antonio Calleja tħallas is-somma ta' 71 skut u 3 tarì tas-sehem tal-Mużika, *'...al Antonio Calleja per musica ...sc 71 tarì 3'*. Dan għamel xi żmien jgħallem il-kant fis-Seminarju ta' Għawdex, waqt li kien jagħmel parti mill-Mużika tal-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex. Minn rikors li kien għamel fl-1881 nafu li kien ilu jifforma parti mill-Kappella tal-Katidral ta' Għawdex sa mis-sena 1857.



L-orgni tal-Kolleġġjata tan-Nadur xogħol id-ditta 'Inzoli' fl-Italja ta' fuq esebit f'Milan qabel ma wasal fin-Nadur f'Ġunju 1897.
(Bil-kortesija ta' Dun Duminku Camilleri)

Mill-kotba tal-eżitu ta' diversi knejjes nafu li s-surmast Anton Calleja kien kantant baxx profond u Maestro di Cappella f'diversi knejjes. Huwa ħa sehem bil-mużika tiegħu fil-festi ċċelebrati fil-knisja ta' Santu Wistin fil-Belt Victoria. Is-surmast Anton Calleja twieled fis-sena 1840 ir-Rabat, Għawdex, u ġieli ppartecipa f'attivitajiet mużikali u kif ukoll ħa sehem f'opri li kienu jsiru f'dawk iż-żminijiet f'Malta. Ikkompona biċċiet ta' diversi mużika sagra wkoll. Calleja miet fis-sena 1901.

Fis-snin 1886, 1887, 1888, u fis-sena 1895, niltaqgħu li l-Mużika li ħadet sehem fil-festa titulari tan-Nadur kienet dik immexxija minn Mro. Francesco Decesare. Fis-sena 1886 tħallaas is-somma ta' 100 skut, *'...per musica a Francesco Decesare ... sc 100'*, waqt li fl-1895 ħa tnax-il lira.

Mir-reġistri tal-eżitu tat-tieni nofs tas-seklu l-ieħor tal-festa ta' Santa Marija ċċelebrata fil-Katidral ta' Għawdex, nafu li s-surmast Francesco Decesare kien ukoll jiġi minn Malta biex jingħaqad bħala tenur mal-Mużika tal-Kappella tal-Katidral matul il-jiem tal-festa ta' Santa Marija. Ta' min isemmi wkoll li l-Mużika tas-surmast Tommaso Galea ġieli tmexxiet minn Mro. Francesco Decesare.

Is-surmast Francesco Decesare kien waqqaf fin-Nadur, Għawdex għaqda mużikali. Din kienet iġġib l-isem ta' *Għaqda Mużikali 'Calypso'*. Din l-għaqda, li ma kellhiex ħajja twila, nafu li kien fiha mad-29 bandist. Is-surmast Francesco Decesare twieled fl-1837 f'Bormla u miet tas-Sliema fis-sena 1905.

Surmastrijiet oħra Maltin li kienu jieħdu sehem bil-Mużika tagħhom fil-festa titulari tan-Nadur kienu: is-surmast Benedetto Perez, is-surmast Karlu Diacono, is-surmast Ġużeppi Caruana u s-surmast Ġużeppi Camilleri.

Mro. Benedetto Perez niltaqgħu miegħu fis-snin 1905, 1908 u tas-servizz li ta kien ħa s-somma ta' £1. 13s. 4d, *'...al Mro Benedetto Perez per musica nella festa titolare...£1 13s 4d'* u £15 10s rispettivament. Madankollu, mir-reġistru tal-eżitu jirriżulta li l-ħlas tal-mużika fis-sena 1905 kien ta' £23.

Sa mill-1892, is-surmast Benedetto Perez kien jieħu sehem bħala tenur fil-Mużika tal-Kappella tal-Kon-Katidral ta' Malta, waqt li kien ukoll impresarju tat-teatru *Rjal*. Huwa kkompona mużika sagra u anke profana. Miet fis-sena 1911.

Maestro di Cappella ieħor Malti, li wkoll qasam lejn Għawdex biex jieħu sehem bil-mużika tiegħu fil-festi f'Għawdex hu l-Kanonku Rafel Mazzelli mill-Birgu, Malta. Nafu li fil-festa titulari tan-Nadur tas-snin 1912 u 1914, kien il-Kanonku Mazzelli li ħa sehem bil-Mużika f'din il-festa, u tas-servizzi li ta tħallas is-somma ta' £11 u £12 rispettivament.

Nafu wkoll li Mazzelli ġieli wkoll ħa sehem fil-festa titulari ta' Għajnsielem. Il-Kan. Mazzelli kien alljiev ta' Dun Alwiġ Fenech u kien wiret il-mużika li kellu Dun Alwiġ Fenech. Biha kien jieħu sehem mhux biss fil-Birgu, imma wkoll f'parroċċi oħra, fosthom f'dik ta' Għajnsielem. Miet f'Settembru tal-1950 fl-eta' ta' 82 sena.



Il-Gallarija tal-Orgni li saret fuq disinn ta' Prof. Francesco Saverio Sciortino fil-bidu tal-1950ijiet.
(Bil-kortesija ta' Dun Duminku Camilleri)



Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur:
Gallarija tal-Orgni - Dettall.

Mir-reġistru tal-eżitu tal-festa titulari nafu li fis-snin 1919, 1920, 1921 u 1922, kien is-surmast Karlu Diacono li ħa sehem fil-festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Dan ir-reġistru jgħarrafna li fl-1919 kien sar ħlas ta' £26 u fl-1921 kien sar ħlas ta' £29 għas-sehem tal-Mużika.

Mro. K. Diacono twieled iż-Żejtun fis-sena 1876 u tħarreġ fil-mużika minn missieru u fl-Istitut Pawlin Vassallo. Huwa ħarreġ għadd ta' koristi u atturi, u kkompona diversi bċejjeċ ta' mużika sagra, klassika, operistika, u kif ukoll profana.

Wara l-mewt tas-surmast Pawlin Vassallo fil-bidu tas-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor, is-surmast Karlu Diacono, inħatar bħala Maestro di Cappella kemm tal-Katidral u kif ukoll tal-Kon-Katidral ta' Malta. Kien ukoll Maestro di Cappella ta' diversi knejjes f'Malta fosthom f'Bormla, iż-Żejtun, l-Isla u anki l-Birgu. Kien ukoll surmast-direttur tal-banda 'Beland' taż-Żejtun. Miet fis-sena 1942.

Fit-tieni nofs tas-snin għoxrin, minflok il-Mużika tas-surmast Karlu Diacono għall-festa titulari tan-Nadur, bdiet tieħu sehem il-Mużika tas-surmast Ġużeppi Caruana. Miegħu niltaqgħu fis-sena 1925, meta tas-servizz li ta tħallas is-somma ta' £26 12s 6d. Fl-1927 u 1928, tħallas is-somma ta' £30 10s kull sena, filwaqt li fl-1929, tħallas £32 tas-sehem tal-Mużika jew orkestra ta' lejlet u nhar il-festa. Mro. Caruana, tas-sehem tal-Mużika fil-festa titulari tan-Nadur tas-snin 1930 u 1931 tħallas is-somma ta' £32 10s kull sena.

Is-surmast Caruana twieled il-Belt Valletta fis-sena 1880 u tħarreġ fl-arti mużikali taħt Pawlin Vassallo. Kien l-ewwel għalliem tal-mużika fl-iskejjel tal-Gvern u daħħal f'Malta il-kant polifoniku. Huwa kien Maestro di Cappella ta' diversi knejjes f'Malta, fosthom, f'dik ta' San Duminku tal-Belt Valletta, il-Mosta, Ħal Lija, il-Mellieħa u anki Ħaż-Żebbuġ. Is-surmast Caruana baqa' mfakkar għall-kompożizzjonijiet sagri tiegħu, fosthom l-Innu *'T'Adoriam Ostia Divina'*. Caruana miet fis-sena 1931.

Maestro di Cappella ieħor Malti, li bħal Mro. Ġużeppi Caruana, kien ukoll jieħu sehem bil-Mużika jew orkestra tiegħu fil-festa titulari tan-Nadur, kif ukoll fil-festa titulari ta' Għajnsielem, kien is-surmast Ġużeppi Camilleri. Fir-reġistri tal-eżitu tal-Parroċċa tan-Nadur, niltaqgħu miegħu fis-sena 1932 u baqa' jieħu sehem sa kważi meta miet. Fis-sena 1932 tħallas is-somma ta' £25, waqt li fis-sena 1945, tas-sehem tal-Mużika jew orkestra lejlet u nhar il-festa, kien tħallas is-somma ta' £50.

Huwa twieled f'Jannar tas-sena 1903 f'Tas-Sliema, u tgħallem il-mużika taħt missieru, taħt kuġinuh u taħt is-surmast Ġużeppi Abdilla. Kien Maestro di Cappella f'diversi parroċċi u surmast-direttur tal-banda 'La Valette' tal-Belt Valletta.

Is-surmast Camilleri kkompona wkoll diversi bċejjeċ mużikali, u barra li għallem diversi kantanti, ħadem mill-qrib kemm fit-teatru *Rjal* kif ukoll fit-teatru *Orpheum*, meta ħadem ma' Respighi, Cantoni, Padovani u oħrajn. Xi mużika minn tiegħu u ta' Mro. Ferdinandu Camilleri, tindaqq matul il-jiem tal-festa titulari fir-raħal tan-Nadur. Is-surmast Ġ. Camilleri miet fis-sena 1976.

Żewġ surmastrijiet oħra li mexxew il-Mużika fil-festa titulari ta' San Pietru u San Pawl wara s-surmast Ġużeppi Camilleri kienu Dun Ġużeppi Cachia u s-surmast Kav. Francesco X. Sammut. Dun Ġużeppi Cachia li kien mill-Ħamrun u tħarreġ fl-arti mużikali taħt Patri Albert Borg, Agostinjan, u wara kompla jistudja waħdu. Dun Ġużeppi Cachia hu l-fundatur tal-Kor tal-Ħamrun u bih wettaq bosta kunċerti ta' mużika sagra u profana.

Is-surmast Kav. Francesco X. Sammut, ħa post Dun Ġużeppi Cachia bis-sehem tal-mużika fil-festa titulari tan-Nadur. Is-Surmast F. X. Sammut twieled f'Ħal Balzan, Malta, f'Mejju tas-sena 1924, bin l-iskultur Ġużeppi u Emanuela mwielda Demicoli. Ta' 12-il sena beda jistudja l-mużika taħt l-organista Gio Batta Gatt u kompla l-istudji tekniċi tiegħu tal-orgni taħt il-pjanista, Rita Agius Buhagiar. L-armonija, il-kontrapont, l-istrumentazzjoni u l-kompożizzjoni tgħallimhom taħt is-surmast Carmelo Pace.



Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur:
Gallarija tal-Orgni - Dettall.

Fost il-kompożizzjonijiet mużikali sagri tiegħu hemm 7 quddisiet ta' 'gloria' bil-Latin, li waħda minnhom, dik li ġġib l-isem ta' *Alla Beata V.M. dell'Assunta*, iżżanżnet fis-sena 1975, fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju tal-parroċċa ta' H'Attard. Din kienet ġiet imfaħħra wkoll mill-Kardinal L. Traglia. Kompożizzjonijiet oħra jinkludu, żewġ quddisiet bil-Malti, tliet għosrien alternati, numru ta' motetti, antifoni, diversi *Tantum Ergo* u litaniji. Mro. F.X. Sammut għadu sal-lum jokkupa l-kariga ta' Maestro di Cappella f'diversi parroċċi f'Malta.

Kien hemm żmien meta l-Mużika fil-festa titulari tan-Nadur tmexxiet mis-Surmast Giuseppe Giardini Vella. Fil-fatt, ma' Giardini Vella niltaqgħu fis-sena 1929 meta tas-servizz li ta matul il-jiem tat-Tridu tħallas is-somma ta' £8 4s 6d. Kien hemm ukoll snin li Mro. Giardini Vella ħa sehem matul il-jiem kollha tal-festa tan-Nadur. Hekk kien sar fis-sena 1943, meta ta' dan is-sehem kien tħallas is-somma ta' £37.

Anki meta beda jmexxi l-Mużika lejlet u nhar il-festa titulari Mro. Ġużeppi Camilleri, Mro. Giardini Vella kien jieħu sehem bil-Mużika matul il-jiem tat-Tridu. Mro. Giardini Vella baqa' jagħmel dan sal-bidu tas-snin ħamsin, filwaqt li Mro. Camilleri baqa' jieħu sehem bil-Mużika għal bosta snin wara. Mro. Giardini Vella tas-sehem bil-Mużika matul il-jiem tat-Tridu tas-sena 1945 tħallas is-somma ta' £14 15s.

Is-surmast Giuseppe Giardini Vella, Sqalli, f'dak iż-żmien kien surmast-direttur tal-banda 'La Stella', kif ukoll kien jgħallem lill-alljievi ta' din il-għaqda mużikali Għawdxija. Il-ġurnal 'Malta' tad-29 ta' Novembru 1927, għarrafna li l-mużika matul il-festa tal-Madonna ta' Lourdes li kienet saret fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, kienet afdata f'idejn is-surmast Giardini Vella.

Nafu wkoll, li barra mill-Parroċċa tan-Nadur, is-surmast Giardini Vella kien jieħu sehem f'diversi knejjes oħra bil-Mużika tiegħu, fosthom f'San Ġorġ, f'Sannat, u f'San Lawrenz. Is-surmast Giardini Vella twieled fi Sqallija fis-sena 1895 u studja taħt is-surmast F. P. Frontini. Huwa kkompona diversi bċejjeċ mużikali. Kien mar joqgħod Londra, iżda wara xi snin kien reġa' rritorna lejn Għawdex, fejn miet fis-sena 1974.

Kif diġà għidna, wara li spiċċa jieħu sehem bil-Mużika Mro. Ġużeppi Camilleri, għal xi snin, il-Mużika fil-festa ta' San Pietru u San Pawl kienet tmexxiet minn Dun Ġużepp Cachia, u warajh minn Mro. Francesco X. Sammut. Wara dawn insibu li kien beda jmexxi din l-Mużika Mons. Kanonku Dun Martin Portelli, Naduri.

Fin-Nadur, mal-Mużika ta' Mons. Kanonku Dun Martin Portelli niltaqgħu wkoll fil-festa ta' San Koronatu tas-sena 1967, waqt li miegħu nerġgħu niltaqgħu fil-festa titulari tas-sena 1968. Fi-fatt, insibu li sar ħlas lil Mons. Kan. Dun M. Portelli ta' £24 tas-sehem tal-Mużika tiegħu fil-festa titulari tal-1968.

Fis-sena 1975, flok Mons. Ġużeppi Debrincat, bħala Maestro di Cappella tal-Katidral ta' Għawdex kien inħatar il-Kanonku, illum Monsinjur Onorarju tal-Katidral, Dun Martin Portelli min-Nadur, Għawdex. Ma' dan l-inkarigu, Dun Martin Portelli kellu kariga oħra ta' surmast tal-kor fil-Katidral. Kellu wkoll il-Mużika tiegħu li biha kien jieħu sehem f'diversi festi ċċelebrati fil-parroċċi ta' Għawdex, fosthom f'Kerċem, il-Qala, f'Santa Luċija u fil-knijsa tal-Patrijiet Franġiskani fil-Belt Victoria. Ta' min isemmi wkoll li l-Kan. Dun Martin Portelli mill-1987 beda jmexxi personalment il-Mużika tas-surmast Camilleri fil-festa tan-Nadur.

Il-Kanonku Dun Martin Portelli twieled fis-sena 1929 in-Nadur, Għawdex, u għadu mimli bil-għomor. F'nofs is-snin disgħin kien ġie sostitwit bħala Maestro di Cappella tal-Katidral ta' Għawdex minn Mro. Colin Attard. Fil-bidu tas-sena 2000 irtira mis-sehem tiegħu bil-Mużika li kellu u li biha kien jieħu sehem fil-festi. Minkejja dan, reġa' mexxa kemm-il darba l-mużika fil-Parroċċa tan-Nadur. Fin-Nadur huwa waqqaf ukoll Kor u kkompona wkoll xi mużika sagra.

Wara li rtira Mons. Kanonku Dun Martin Portelli minn Maestro di Cappella tan-Nadur, floku nħatar sabiex imexxu l-Mużika matul il-jiem tal-festa ta' San Pietru u San Pawl, il-Kanonku Dun Ġużepp Grech, li ġieli kien assistit minn Mro. Antoine Theuma.

F'Marzu tas-sena 2014, il-Kanonku Ġużepp Grech ħalla din il-kariga. Bi qbil unanimu, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata tan-Nadur fis-17 tal-istess xahar ħatar minflok bħala Maestro di Cappella lil Mro. Antoine Theuma iben dehen ieħor Naduri li għal dawn l-aħħar snin kien ukoll Assistent ta' din il-kappella. Mro. Antoine Theuma minbarra li huwa Assistent Surmast tal-Banda Mnarja, Assistent Maestro di Cappella fil-Bażilika ta' Maria Bambina tax-Xagħra huwa wkoll għalliem fl-iskola tal-Mużika t'Għawdex, għalliem tal-alljievi tas-Soċjetajiet Mużikali 'Mnarja' u 'Leone' u kompożitur ta' diversi marċijiet u siltiet mużikali. Fost dawn hemm dawk riċenti *'Missa in honorem Sanctae Annae'* (2010) u l-innu reliġjuż iddedikat lil San Pietru u San Pawl 'Int Hienja Ruma' (2013).

Nagħlaq din il-kontribuzzjoni billi nagħmel referenza għall-frażi li sikwit wieħed jiltaqa' magħha llum fir-rigward tal-Mużika ta' Camilleri. Dan għaliex matul il-festa titulari tan-Nadur kienet tindaqq mużika komposta minn Mro. F. Camilleri u minn Mro. Ġ. Camilleri. Wara l-mewt tas-surmast Ġ. Camilleri baqgħet tiġi esegwita l-mużika – kompożizzjonijiet - li kienu jiġu esegwiti minn Mro. Camilleri stess fil-festa titulari tan-Nadur. Kif diġà għidt, wara l-mewt ta' Mro. Camilleri,



L-abside tal-orgni tal-Kolleġġjata Bażilika tan-Nadur, xogħol Prof. Lazzaro Pisani.
(Ritratt; Martin Attard)

kien imexxi din il-Mużika Dun Ġużepp Cachia. Iżda meta dan ma baqgħax imexxi l-Mużika, is-sinjura u l-familja ta' Mro. Camilleri, riedu jisilfu jew jagħtu din il-mużika, basta l-parroċċa ssib hi s-surmast biex jidderiġiha. Dan wassal sabiex ġew magħżula l-kompożizzjonijiet mużikali li kienu jiġu esegwiti fil-festa ta' San Pietru u San Pawl u saru kopji tagħhom a spejjeż tal-parroċċa. Barra dan, kien intlaħaq fehim verbali bejn Mons. Kanonku Dun Martin Portelli, il-Kanonku Dun Salv Pace u s-surmat Francesco X. Sammut, sabiex kull darba li tiġi esegwita il-mużika komposta ta' Camilleri, jitħallas bħala dritt tal-familja Camilleri, is-somma ta' ħamsa u għoxrin lira kull darba.

Il-kompożizzjonijiet mużikali li kienu ntagħżlu huma: ***Kyrie, Gloria, Sanctus, Agnus Dei, Introito, Graduale, Offertorio, Sacerdos et Pontifex, Sacerdos Alter Christus*** l-Innu, ***Decora Lux, Deus in Adjutorium,*** u s-salmi: ***Dixit, Laudate Pueri, Confitebor, Magnificat*** *u s-**Salve Regina.***

© Grazio A. Grech • 2014.

Referenzi:

*Erbatax-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin,* (1998).
*Mill-Istorja Mużikali ta' Għawdex,* (2002).
*Mużiċisti, Kompożituri Għawdxin, Maltin u Barranin,* (2006).

Joseph Vella Bondin: *Il-Mużika ta' Malta fis-sekli Dsatax u Għoxrin,* (2000), PIN.

Tagħrif ieħor: *Il-Kanonku Dun Martin Portelli,* fi ktejjeb maħruġ mill-Għaqda Mużikali Mnarja, Nadur, (1995).

Dun Dumink Camilleri: Pubblikazzjoni *Vigilant* Nri 5,6,8.

Nota dwar il-flus indikati:
20 gran (ħabba) = 1 tarì (irbiegħi); 12-il tarì = 1 skut; 12-il skut = £1; 20 xelin = £1; £1 = 240 soldi; xelin = 12-il sold; £1 = €2.33; skut = €0.194; xelin = €0.116.